# IL-GĦANJA TAD-DISGĦIN

## META DUN KARM KANTALI *O SOLE MIO*

Ta' N. Biancardi

L-ewwel darba li ltqajt u kellimt lil Dun Karm kien sebgħa u tletin sena ilu. Kellu biss għoxrin sena. Mimli ħerqa u mħeġġeġ mill-kitba tiegħu, jiena kont insiġt poeżija bl-isem ta' *Ommi* bi vrus maħlulin u magħżulin, u iddedikajtha lilu: *B'qima lil Mons. C. Psaila.* Qabel inxandarha xtaqt nurihielu flimkien mad-*Dedika.* Ma kont għadni kellimtu qatt, għad li kont narah sikwit għaddej mit-toroq tal-Belt Valletta fejn kien igħammar dak iż-żmien. Imma kif nagħmel? Stħajt nidher quddiemu u wisq inqas nurih xogħol letterarju tiegħi. Bżajt li jidħaq bija.

Fl-aħħar sibt ħabib, imdaħħal fiż-żmien, li kien jafu sewwa. Qalli: "Dun Karm jieħu pjaċir bik; huwa bniedem ħelu, minn tagħna, u jħobb jagħmel il-qalb lil dawk iż-żgħażagħ kittieba li fihom jara xi tama". Jum fost l-oħrajn Dun Karm kien nieżel minn Triq Santa Luċija minn fejn kien igħaddi biex imur ġo daru. "Hawn hu", qalli ħabibi. "Tini l-poeżija". Nirtogħod kollni kemm jien u kiesaħ silġ, daħħalt idi fil-but u newwiltlu l-karta li fuqha kelli minsuġ dak li kellu jkun għalija sentenza ta' mewt jew ħajja fil-qasam lettararju Malti.

Meta qorob lejna rsaqna fuqu. Habibi qallu: "Monsinjur, dan Nikol Biancardi, dilettant tal-kitba. Iħobb jistudja ħafna u qara bosta minn dak li ktibt int. Xtaq jurik poeżija li kiteb fuq ommu. Iddedikata lilek".

Dun Karm taptapli fuq spallti u tbissem b'nofs fiduċja. "Mela le", wieġeb. "Naraha bil-qalb kollha. Tista' tagħtihieli għal xi jumejn?" "Mela le", għedtlu mimli ħerqa. Reġa' qalli: "Pitgħada, għal ħabta ta' nofs in-nhar jien inkun nieżel minn hawn. Stennieni ħalli ntik lura l-poeżija tiegħek bil-fehma tiegħi. Hux hekk tixtieq?"...

Għaddejt jumejn martirju. Ma għalaqtx għajn ma' għajn. Ommi tħassbet. Waħħlet f'rasha li kont għaddej minn xi ġrajja ta' mħabba ma' xi tfajla. "Le, Ma", serraħtilha rasha. "Dik il-poeżija li ktibt fuqek qiegħda għand Monsinjur Psaila biex jagħtini l-fehma tiegħu u forsi jsewwili xi ħaġa fiha".

Jumejn wara, ma' nofs in-nhar bomm, Dun Karm deher nieżel minn Triq Santa Luċija. Sellimtlu mriegħed u mort fuqu. Ridt nibda xi kliem, imma ma flaħtx. "Eh...inti Biancardi?", qalli. "Mhux ħażin...mhux ħażin. Ibqa' ikteb; u aqra kemm tiflaħ. Missejtlek xi vrus fi tmiem il-poeżija li tajtni. Jimporta?"...

Raddejtlu ħajr għas-sabar li kien ħa bija. Mort niġri għand Willie Arena l-Editur ta' *Il-Ħmar*, u għedtlu li kelli poeżija għax-xandir li kien ġa raha Monsinjur Psaila. U l-poeżija *Ommi* dehret f'dak il-folju mexxej f'nofs Frar tal-1924, jiġifieri sebgħa u tletin sena ilu. Din ma kenitx l-ewwel kitba tiegħi. Imma dak in-nhar li rajtha mitbugħa ħassejt ferħ li żagħżugħ ta' għoxrin sena biss jista' jfisser. Fost il-kittieba tal-lum, naħseb, huma ftit dawk li qrawha. Jiena dejjem kont nemmen fil-ġurnali fejn għexieren ta' poeżijiet u novelli tiegħi jinsabu mxandrin. Dejjem fhimt li bil-gazzetti nistgħu iżjed innisslu mħabba għall-Malti fost il-poplu.

Ma tkunx ħaġa żejda jekk infisser li l-poeżija *Ommi* ma għandhiex x'taqsam mal-poeżija *Lil Ommi* li kienet ixxandret fil-Pronostku Malti tal-1930 u li kienet ħadet wieħed mill-premjijiet fil-Konkors li kienet nediet id-Ditta Muscat ta' Triq il-Merkanti tal-Belt.

*Sunetti... u Sunetti*

Wara l-ewwel laqgħa li kelli ma' Dun Karm nista' ngħid li ma ġietx ġimgħa li ma rajtux u ma kellimtux x'imkien. Tislima u tbissima ma naqsux ma' tul is-sebgħa u tletin sena li għaddew sa ġimgħa qabel miet fl-Isptar tal-*Blue Sisters* fil-għomor ta' dwar disgħin sena.

Iżda, imbagħad, ikun hemm ġrajjiet fil-ħajja tal-bniedem li jibqgħu f'moħħu iżjed minn oħrajn. Se nerġa' nsemmi l-Konkorsi tal-Pronostku Malti li fihom kienu jieħdu sehem l-aqwa kittieba żgħażagħ u li kienu saru popolari kemm jista' jkun. Fil-Konkors tal-1933 jien irnexxieli nieħu l-Ewwel Premju bit-tliet sunetti marbutin *Lil Żagħżugħ Raħli*. Wara r-riżultat Dun Karm kien rani l-Bibljoteka u feraħli, u xi ftit pariri ma naqsux. Minn kliemu, mimli qies u ħlewwa, intbaħt li wħud minn dawk li kienu ħadu sehem fil-Konkörs tal-1933 kienu marru jgemgmu miegħu fuq ix-xorti ħażina li messithom, imma jisgħobbija ngħid, Dun Karm, wara, kien kiteb artiklu f'*Il-Malti* tal-*Għaqda tal-Kittieba* dwar ir-riżultat li fih ipprova jdewwi lil dawk li kienu gergru miegħu. Ferħan kif kont bir-rebħa tiegħi, jiena deherli li bniedem għaref u prudenti bħal Dun Karm ma kien imissu qatt jidħol bejn il-basla u qoxritha, u kont bgħattlu ittra iebsa.

Wara din il-ġrajja ftit kerha domna xi ftit merfugħin minn xulxin. Ma' tul dan iż-żmien ir-Rev. Edmund Sutcliffe, S.J., Professur ta' l-Ilsna Orjentali u tat-Testment il-Qadim fil-Kulleġġ ta' Heythrop, kitibli minn l-Ingilterra u talabni permess biex ixandar is-sunetti tiegħi fil-Grammatka li kien fi ħsiebu joħroġ u li issa taħt l-isem ta' *A Grammar of the Maltese Language* tinsab f'idejn l-istudenti universitarji tagħna. Tant ġew imxandrin u stampati dawk it-tliet sunetti li wasalt biex niddejjaq għax ħassejtni qisni m'għandix ħliefhom.

Iż-żmien ifejjaq u jnessi. Għalkemm aħna qatt ma konna għedewwa, wisq il-bogħod minn hekk, il-ħbiberija bejn il-Poeta Nazzjonali u l-Poeta Dilettant reġgħet bdiet tissaħħaħ f'laqgħat fil-Bibljoteka.

Għadda ż-żmien u kellhom ikunu tliet sunetti oħra tiegħi li reġgħu xellfu din il-ħbiberija, sunetti li kienu ġew imxandrin f'*Il-Berqa* fis-17 ta' Ottubru, 1938, bl-isem ta' *It-Trijumvirat tal-Malti*. Bi ftit pinzellati jiena pinġejt b'vina semisatirika lil (1) Dun Karm; lil (2) Ninu Cremona; u (3) lill-Professur Saydon, li kont inqis bħala l-aqwa tliet kolonni ta' lsienna.

Is-sunett dwar Dun Karm kien dan:

XBIEHA BIL-KITBA

*Żebbuġi. Għax fil-bliet. Dħuli, minn tagħna.*
*Fil-kitba magħruf b'Dun. Hu Monsinjur.*
*Jikteb bil-Malti. Kliemu la Taljana.*
*L-aqwa Poeta. Profs. Ta' lsienna sur.*

*Dejjem nadif. Jitbandal mas-suttana.*
*Jitbejjem fit-tifħir. Iħobb il-bħur.*
*Irqajjaq. Aktarx twil. Habib il-għana.*
*Fil-kliem meqjus. Wisq rari biex ifur.*

*Ex-Assistent Bibljotekarju. Il-kotba*
*ta' hemm ġew jafhom kollha bl-isem tagħhom.*
*Hareġ bil-pjazza bla ma rabba ħotba.*

*Iħobb kittieba jara qed ifaqqsu.*
*Hu l-qroqqa. Huma l-frieħ. Bħal missier magħhom.*
*Jixtieqhom jikbru basta, iżda, m'hux daqsu.*

Dawn is-sunetti (flimkien mat-tnejn l-oħra dwar Cremona u Saydon) kienu qanqlu agħa kbira minħabba l-istil tagħhom m'hux komuni fi lsienna. Bdew ġejjin ittri ta' ferħ minn kull rokna ta' Malta u Għawdex u, saħansitra, min ħbieb barra mill-Gżira, fosthom waħda minn għand il-Professur Ġużè Aquilina li kien għadu qiegħed jistudja l-ilsna orjentali f'Londra.

It-ton ta' l-ittri kien: "Prosit. Kompli kabbar dan l-istil". X'inkompli? ... Mela jien miġnun? għedt f'qalbi. Kull min studja xi ftit il-psikoloġija tal-kittieba Maltin jaf tajjeb li r-ruħ ġentili tagħhom tħoss għasel kull tifħira li ssirilha, iżda ħażin għalih min jipprova jiċċajta bħali.

Mat-tliet sunetti tat-*Trijumvirat tal-Malti* kont għażilt ħmistax oħra,

kollha ħbieb tiegħi u kollha kittieba magħrufin, iżda wara li lestejt xi ftit sunetti b'dak l-istil dwarhom deherli li dak li jgħodd għalihom l-iżjed m'hux it-tifħir li jsibu fiż-żewġ kwartini tas-sunett, iżda ċ-ċajtiet niggieża li jsibu fiż-żewġ terzini. Għaliex ħbieb, li jiena nħobb u nqim, għandhom iduru għalija? U qattajt kollox. Hawn nies li moħhom jesa' Bibljoteka sħiħa, imma meta tmissilhom il-kburija tagħhom isiru qishom bhima ta' Ċirku waqt id-daqqiet ta' frosta tad-domatur tagħha.

Il-poeti qishom tfal: jifirħu u jinsew malajr. Għallinqas din hija l-psikoloġija tal-kotra l-kbira. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien iżjed l-imħabba u l-qima tiegħi lejn Dun Karm bdew jikbru u jiżdiedu. Konna noqogħdu l-Belt fl-istess żmien u, tista' tgħid, ġejna ngħammru f'tas-Sliema fi żmien wieħed ukoll. Min jaf kemm-il darba mort inżuru ġo daru u huwa, bi ħlewwa ta' missier, kien dejjem jagħtini pariri ta' l-akbar fejda.

Hadt sehem minn l-ewlenin fil-laqgħa ta' meta kien għalaq sebgħin u l-istess għamilt meta għalaq tmenin sena. Fiż-żewġ okkażżjonijiet Dun Karm kien qralna *Il-Għanja tas-Sebgħin* u *Il-Għanja tat-Tmenin* b'dik il-ħlewwa ċajtiera tiegħu. Imma meta, f'Ottubru li għadda, mort narah fl-Isptar tal-*Blue Sisters*, San Giljan, Dun Karm kien għajjien u l-fakra bdiet tħallih. Biex jagħlaq disgħin sena kien għad fadallu ftit jiem biss.

Daħħlitni ħdejh Soru Ingliża. Malli rajtu ħtaft idu ġo idu u bisthielu "Kif int, Dun Karm? Għaraftni?" Staqsejtu. Dun Karm ma weġibx. Hares lejja ħarsa mejta. Għajnejh kienu mimlijin bi żlieġa tad-dmugħ. Imbagħad f'daqqa waħda beda jkanta *O Sole Mio* ta' Di Capua. "Għarafni", għedt f'qalbi, "jaf li jiena nħobb it-Teatru". Imma ma kienx hekk. Il-Poeta Nazzjonali tagħna kien wasal biex iħallina kif b'qasma ta' qalb ġara ftit jiem wara li rajtu.

Meta ħriġt minn dak l-Isptar kollni mhewden moħħi beda jtextex u f'widna waħda bdejt nisma' d-disk ta' *O Sole Mio* li għandi ta' Caruso, b'dak il-leħen qawwi u sabiħ tiegħu, u fl-oħra bdejt nisma' l-leħen miksur u mitfi ta' Dun Karm ikanta minn taħt ilsien dik il-kanzunetta famuża Naplitana.

Dun Karm baqa' jgħanni sa tmiem ħajtu u baqa' jkanta l-innijiet tiegħu lix-Xemx u lin-Natura. Is-*Sole Mio* tiegħu kienet għalija u għalih: *Il-Għanja tad-Disgħin.*

## ~~TIFKIRIET DWAR DUN KARM~~

~~Ta' Chev. J.P. Vassallo, O.B.E.~~

~~Dun Karm kien iz-ziju tal-mamà, imma jien u ħuti dejjem konna nafuh u~~